MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Numru. 293/2001
Kawza Numru. 22

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT NEIL HARRISON**
**SPETTUR NORBERT CIAPPARA**

**KONTRA**

**JOSEPHINE CASSAR, ta' 50 sena, mart Carmel Cassar, bint John Ciantar u Jane nee' Busuttil, imwielda Tal-Pieta' nhar it-13 ta' Mejju, 1958, residenti fil-fond numru 52, Triq is-Sienja, Kalkara, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 366858M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **JOSEPHINE CASSAR**, li giet akkuzat talli:

a) Ittrasferiet il-pussess ta', baghtet jew ikkonsenjat lil xi persuna jew post, akkwistat, zammet, ittrasportat, olterat, iddisponiet minn jew b'xi mod iehor innegozjat, bi

kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus proprjeta' (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjeta' bil-hsieb li tahbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjeta' kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, kienu gew miksuba jew ricevuti, direttament jew indirettament, bhala rizultat ta' ghemil ta' reat imsemmi fis-subartikolu (1) jew fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1D), jew fis-subartikolu (1E), jew xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni f'xi post barra dawn il-Gzejjer li jekk isir f'dawn il-Gzejjer jikkostitwixxi reat taht is-subartikolu (1) jew il-paragrafu (1) tas-subartikolu (1D) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) U kif ukoll talli ghamlet xi haga bi ksur tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta imsemmi fl-Artiolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordni kien moghti nhar il-25 ta' April, 2001, fil-kawza Il-Pulizija kontra Laurence Gatt et

Rat li l-akkuzata wiegbet li ma kinitx hatja ta' l-akkuzi kif migjuba kontra taghha;

Rat ukoll il-Kontro Ordni ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi Josephine Cassar hija addebitata b'zewg akkuzi – dik ta' *money laundering* taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u t-tieni wahda talli kisret ordni ta' Qorti, hekk imsejha l-Ordni ta' l-Iffrizar ta' l-Assi, ukoll ai termini ta' l-imsemmi Kapitolu.

Issa l-ewwel akkuza migjuba kontra Josephine Cassar issib il-bazi taghha u ghandha konnessjoni ma' kawza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija(Supritendent Neil Harrison) kontra Lawrence Gatt et. F'din il-kawza zewg u iben Josephine Cassar kienu gew akkuzati, b'reati ukoll taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, senjalament

assocjazzjoni fi traffikar ta’ droga kokajina, importazzjoni ta’ l-istess sustanza, u pussess taghha mhux ghall-uzu esklussiv.

Minhabba n-natura ta’ dawn l-akkuzi l-Prosekuzzjoni kienet talbet lill-Qorti sabiex tissekwestra f’idejn terzi persuni b’mod generali flejjes u l-proprjeta’ mobbli u jew immobbli kollha li kienu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzati, jew huma proprjeta’ taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzati milli jitrasferixxu jew xort’ohra jiddisponu minn xi proprjeta’ mobbli jew immobbli.

Gara li l-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, tat sentenza tat-28 ta’ Marzu, 2008, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija(Supritendent Neil Harrison;Spettur Norbert Ciappara) kontra Omissis; Omissis; Rueben Scicluna; Carmel Cassar; Mark Cassar, illiberat lil zewg u iben Josephine Cassar, cioe’ Carmel Casasr u Mark Cassar, rispettivament mill-akkuzi kif dedotti kotnra taghhom (Magistrat Dr Audrey Demicoli, a folio 329 et sequitur tal-process).

Illi ghalhekk l-ewwel akkuza fir-rigward ta’ Josephine Cassar cioe’ ta’ hasil ta’ flus relatati ma’ l-akkuzi migjuba kontra zewgha u binha certament ma tistax tregi, gia la darba r-reat originali ma jezistix, allura qieghda tigi liberata mill-effetti taghha.

Issa l-kawza li fiha kienu ko-akkuzati (flimkien ma’ ohrajn), Carmel Cassar u Mark Cassar, fl-origini taghha kienet bl-isem ta’ Il-Pulizija (Supritendent Neil Harrison;Spettur Norbert Ciappara) vs Lawrence Gatt, Antonio Gatt, Rueben Scicluna, Carmel Cassar, Mark Cassar.

Fil-prezentata quddiem din il-Qorti diversament preseduta din il-Qorti qalet dan fil-konfront ta’ l-Ordni ta’ l-Iffrizar taht l-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta:
*“Il-Qorti tinnomina lil Dr Vincent Galea sabiex jirrelata dwar il-flejjes u l-proprjeta’ mobbli jew immobbli li jkunu dovuti lil jew imissu lill-istess akkuzati, u dan b’mod generali fis-sens illi d-deskrizzjoni ghandha tkun tinkludi*

*ukoll kwalsiasi beni misjuba f'idejn terzi proprjeta' ta' l-imputati.*
*Inoltre l-Qorti qieghda minn issa tiprojbixxi lill-akkuzati kollha milli jitrasferixxu jew xort'ohra jiddisponu minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli u dan taht kwalsiasi titolu.'*

Dan id-digriet gie ezebit lil din il-Qorti, in sostenn tat-tieni akkuza, bhala DOK NH a folio 20 tal-process. Jidher li din l-Ordni li tat il-Qorti kif riprodotta iggib id-data tal-25 ta' April, 2001.

Issa gara u huwa ben pruvat mill-atti processwali li moghtija din l-Ordni, fl-istess gurnata u fil-granet ta' wara Josephine Cassar trasferiet flejjes li kienu jidhru li kienu f'isimha kif ukoll f'isem zewgha l-ko-akkuzat fil-kawza msemmija. Ghalhekk kif xehed certu John Montebello – *branch manager* tal-HSBC Cospicua, qal illi l-konjugi Cassar kellhom f'isimhom *joint current account*. Gara li nhar il-25 ta' April, 2001 (vide DOK 116), l-ammont ta' Lm3,467.32(tliet elef erba' mija u sebgha u sittin Lira Maltin, u tnejn u tletin centezmu) gie migbud mill-kont.

Dan il-*withdrawa*l allura mill-kont tal-HSBC sar fil-hin ta' 12:07:52 (DOK MH a folio 59 tal-process).

Xehed ukoll certu Adrian Galea – dak iz-zmien *Head of Operations* mal-Globe Organization. Xehed dwar il-fatt illi fiz-zmien in kwistjoni kienu rcevew ittra minghand Dr Vincent Galea ghall-iskop ta' ricerki in vista tan-nomina gia' suriferita – maghha kien hemm anness id-digriet imsemmi. Din l-ittra giet ricevuta mill-Globe nhar it-2 ta' Mejju, 2001.

A bazi ta' din l-ittra, il-Globe ghamlu d-debita ricerki. Irrizulta li Carmel Cassar (zewg l-akkuzata), kellu zewg tipi ta' investimenti mal-Globe – wiehed fil-kontroll dirett tal-Globe Organization u iehor investiment mal-Barclays - bank esteru, ghalhekk fil-kaz tat-tieni investiment, spjega li *contract note* kienet mahruga direttament minghand il-Barclays, ghalhekk Carmel Cassar kellu relazzjoni diretta ma' Barclays, ghalhekk seta' jbiegh l-investimenti tieghu minghajr l-intervent tal-Globe Organization.

Dawn l-investimenti li allura ma kinux taht il-kontroll dirett tal-Globe kienu 451.766 units fil-Barclays Euro Blue Chip Class A u 86,374.434 units fil-Barclays Sterling Bond Fond. Dawn l-investimenti kienu f'isem Charles Cassar u Josephine Cassar.

Gara ukoll illi bejn il-25 ta' April, 2001 – id-data tad-digriet imsemmija (ta' l-Iffirzar ta' l-Assi), u t-2 ta' Mejju, 2001 meta rcevew kopja tad-digriet il-Globe, Mrs Josephine Cassar marret il-*branch* tal-Globe ta' Hal-Qormi, iltaqghet ma' certu Joseph Debono, u giet iddraftjata ittra biex il-Barclays Esteru ibiegh (*redeems*) l-investimenti li hi u zewgha kellhom ma' l-imsemmi bank. Hi marret fit-2 ta' Mejju, 2001.

Fil-fatt sakemm il-Globe indunaw li kien qieghed jigi trasgress digriet ta' din il-Qorti u avzaw il-bank esteru, wiehed mill-investimenti li kellhom il-konjugi Cassar lahaq gie *redeemed* mill-istess bank, u l-qliegh tieghu fuq istruzzjoni ta' Josephine Cassar, intbaghat HSBC, Guernsey Channel Islands (vide dokumenti AG, AG1, AG3 u AG 4 a folio 92 – 105).

F'dan ir-rigward u in sostenn ta' dan xehdu wkoll Dr Vince Galea, li gie nfurmat mill-Globe b'dak li kienet ghamlet Josephine Cassar. Xehed ukoll ghan-nom tal-Globe Dr Ricahrd Galea Debono.

Fil-fatt tenut ta' dak kollu prodott, din il-Qorti hija konvinta li Josephine Casasr, caqalqet il-flus wara li l-Qorti harget l-Ordni ta' l-Iffirzar ta' l-Assi.

F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-istqarrija rilaxxata mill-akkuzata (DOK NH6 a folio 25 – 28). Qalet fl-istqarrija li hi meta tressqu zewgha u binha – Carmelo Cassar u Mark Cassar, il-Qorti, kienet hemm fid-9.00am. Mistoqsija dwar investimenti jew kontijiet bankarji mal-Globe Investment u Barclays Bank esteru, wiegbet illi ma kienet taf b'xejn.

Qabel li dakinhar zewgha u binha tressqu l-Qorti, hija marret tigbed is-somma ta’ Lm3,467.32(tliet elef erba’ mija u sebgha u sittin Lira Maltin, u tnejn u tletin centezmu), biex ikollha flus biex it-tfal ikollhom flus ghax-xoghol u biex thallas l-avukat. Dwar l-Ordni ta’ l-Iffirzar fuq dawn il-flus qalet illi stante li kellha isimha ukoll fuq il-kontijiet, allura hasbet illi tista’ iccaqlaq il-flus. Kienet wara li rceviet karta li saret taf illi ma setghetx taghmel hekk.

Dwar il-flus tal-Barclays International Funds Channel Island, qalet illi hi ghamlet dan ghax riedet ikollha Lm15,000.00(hmitax-il elf Lira Maltin) ghall-plegg.

Ikkunsidrat:

Kif gie riprodott il-Prosekuzzjoni talbet mill-prezentata l-iffrizar ta’ l-assi ta’ l-akkuzati - zewg u iben l-akkuzata. Ukoll gia’ gie riprodott il-mod kif giet milqugha dik it-talba minn dik il-Qorti. L-akkuzata *ex admissis* ghal dan kienet prezenti – allura semghet dak id-digriet li tat il-Qorti *seduta stante* fid-digriet taghha tal-25 ta’ April, 2001.

L-Artikolu 22A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid illi darba li Qorti tircievi talba mill-Prosekuzzjoni u l-Qorti, wara li tezamina l-akkuza, ghandha (enfasi tal-Qorti) taghmel l-Ordni mitluba.

Il-Ligi fil-fatt taqra fl-Artikolu 22A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta:

*‘……il-Qorti ghandha fuq talba tal-Prosekuzzjoni taghmel Ordni:*

*a) li jissekwestra f’idejn terzi persuni b’mod generali l-flejjes u l-proprjeta’ mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikuu jmissu lill-akkuzat jew ikunu proprjeta’ tieghu, u*

*b) li jipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort’ohra jiddisponi minn xi proprjeta’ mobbli jew immobbli.’*

Din hija l-Ordni li <u>ghandha</u> taghti Qorti, f’kaz ta’ Ordni ta’ Iffrizar. Ghalhekk l-Ordni hija bilaterali - tolqot kemm lill-akkuzat innifsu u kif ukoll, ghax il-Ligi fl-ahhar tas-subartikolu (a), tuza l-kelma *‘u’*, lit-terz li jista’ jkollu f’idejh

proprjeta' li b'xi mod issejjah jew hija konnessa ma' l-akkuzat.

Frankament l-Ordni li tat il-Qorti fil-25 ta' April, 2001 ma tghidx dak appena riprodott. Fid-digriet ta' din il-Qorti l-unika menzjoni tat-terz hija fin-nomina ta' Dr Vince Galea bhala kumpitatur tal-assi, li allura d-deskrizzjoni *'……ghandha tkun tinkludi ukoll kwalsiasi beni misjuba f'idejn terzi proprjeta' ta' l-imputati.'*

Kompliet il-Qorti billi pprojbixxiet lill-akkuzati kollha mili jitrasferixxu jew xort'ohra jiddisponu mill-assi taghhom.

Issa Josephine Cassar gia' prezenti fl-Awla ghall-prezentata, semghet dak id-digriet. Ghalhekk ghandha ragun id-Difiza li tressaq dan id-dubju dwar dak illi fil-fatt fehmet l-akkuzata. Fil-fatt l-akkuzata ammettiet li caqalqet l-assi mill-kontijiet li kellha anke kongunti ma' zewgha, ghax hasbet illi tista' taghmel hekk. Fil-fatt hi minn imkien ma setghet kienet taf b'din il-projbizzjoni hlief kif qalet hi li rceviet ittra tghidilha hekk.

Ghaldaqstant, tenut kont illi fil-Kamp Kriminali l-interpretazzjoni ghandha tkun wahda restrittiva a favur ta' l-imputat, tenut kont tad-digriet kif moghti nhar il-25 ta' April, 2001, qieghda tillibera lil Josephine Cassar mill-ahhar akkuza kif dedotta kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------